# Għawdex – Rabta Mużikali mal-Ħamrun


*Mro. Willie Attard*

Persunaġġ distint Għawdxi li għandu konnessjonijiet speċjali mal-Ħamrun hu l-Isqof Gejtanu Forno OSA, li mexxa d-djoċesi ta' Malta u Għawdex bejn l-1857 u l-1874.

L-Isqof Pace Forno ta lil Ħamrun teżor imprezzabbli u l-poplu Ħamruniż ma jistax ma jiftakarx f'dan il-patrijott kull meta jżur il-knisja Parrokkjali. Dan hu dovut mhux biss għal fatt li kien hu li fl-1869 bierek t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla u għalhekk ingħata bidu uffiċċjali għall-bini tal-knisja imma wkoll għax poġġiha taħt il-protezzjoni tal-Qaddis li kien iġib ismu, jiġifieri San Gejtanu. Ma' dan wieħed ma jridx jinsa wkoll il-ħidma sfiqa u bla heda li wettaq l-Isqof Pace Forno b'riżq il-knisja parrokkjali tal-Ħamrun, tant li hu stess ħallas minn butu għal diversi opri artistiċi li kienu jinstabu f'dan it-tempju, fosthom l-altar maġġur u presbiterju l-Kwadru Titulari li jirrappreżenta lil San Gejtanu qed jirċievi l-Bambin tarbija minn idejn il-Madonna, li hu xogħol tal-Kavallier Pietru Gagliardi. Dan imħallas ukoll min l-Isqof Gaetano Pace Forno.

Madankollu fil-qasam mużikali nsibu wkoll diversi mużiċisti u surmastrijiet Għawdxin u Ħamruniżi li wkoll għandhom konnessjonijiet kemm ma' Għawdex kif ukoll mal-Ħamrun.

Fost dawn il-mużiċisti nsibu lil Għawdxi, Mro. Akille Lanzon, bin Mro. Adrijanu Lanzon P.L. Mro. Akille Lanzon, li kien vjolinista u klarinettista, kien idoqq fil-Mużika tal-Cappella tal-Katidral ta' Għawdex u fil-bidu tas-snin 1880 kien ukoll inħatar assistent surmast ta' din il-Mużika tal-Cappella tal-Katidral, li f'dik l-era missieru, Mro. Adriano Lanzon, kien id-Direttur tagħha.

Mro. Akille Lanzon (1848 - 1918) kien ukoll surmast direttur tal-baned 'Leone' u 'La Stella' tal-Belt Victoria, Għawdex, iżda fl-1886 huwa ħalla Għawdex u mar joqgħod il-Ħamrun fejn isetilja u miet.

Matul iż-żmien li dam il-Ħamrun, sa issa ma nafux jekk kienx jieħu sehem fil-mużika jew jekk kellux xi sehem fit-twaqqif tal-baned fil-Ħamrun. Nafu li f'dik il-era fil-Ħamrun kien ingħata bidu għal dan il-għan. Riċerka f'dan il-kuntest tista' titfa' dawl ġdid fuq dan is-surmast Għawdxi fir-rigward tat-tixrid ta' l-arti mużikali fil-Ħamrun.

Surmast ieħor, din id-darba Malti, li kellu rabta kemm mal-Ħamrun kif ukoll ma' Għawdex, hu Mro. Edwardu Farina. Fil-Ħamrun, Mro. E. Farina, li kien organista u Maestro di Cappella, kien intrigat biex igħallem il-mużika lill-ewwel alljievi meta fl-1889 ingħata għat-twaqqif tal-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun. Fil-Ħamrun ukoll, Mro. Farina, fl-1893, waqqaf għaqda mużikali bl-isem ta' 'San Gejtanu' u biha ta diversi programmi mużikali.

F'Għawdex, Mro. E. Farina (1851 - 1914), insibuh mhux biss bħala surmast direttur tal-banda 'La Vittoria' tax-Xagħra li twaqqfet fl-1898, imma wkoll kien jgħallem lill-alljievi ta' din il-banda Għawdxija. Huwa kien ukoll jieħu sehem bil-

Mużika tiegħu fil-festa titulari ta' Marija Bambina li tiġi ċċelebrata fix-Xagħra wkoll.

Surmastrijiet oħra li kellhom rabta speċjali mal-Ħamrun u Għawdex huma: Mro. Anton Miruzzi, Mro. Willie Attard u Mro. Joseph Sammut. Dawn is-surmastrijiet kienu diretturi kemm tal-banda 'Leone' ta' Għawdex, kif ukoll tal-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun. Fil-fatt Mro. A. Miruzzi (1867 - 1944), kien direttur tal-banda 'Leone' fil-bidu tal-karriera tiegħu bejn l-1890 - 1893, waqt li Mro. Willie Attard (1901 - 1970) u Mro. Joseph Sammut (1926 -      ) damu surmastrijiet diretturi tal-banda 'Leone' bejn l-1944 - 1957 u bejn l-1958 u l-1991 rispettivament. Madankollu nsibu li Mro. A. Miruzzi, Mro. W. Attard u Mro. J. Sammut, bejniethom damu diretturi mal-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun mill-1899 sa' l-1970.

Is-surmastrijiet Mro. Joseph Abela Scolaro u Mro. Andrew Coleiro li kienu surmastrijiet tal-banda 'San Gejtanu' insibuhom ukoll diretturi ta' baned Għawdxin. Mro. Joseph Abela Scolaro (1912 - 1979), kien inħatar surmast direttur tal-banda 'Leone' fl-1957, waqt li s-surmast Andrew Coleiro fl-1993 inħatar u fil-fatt għadu surmast tal-banda 'Prekursur' tax-Xewkija, Għawdex.

Mill-banda l-oħra nsibu li Mro. Joseph Abela Scolaro dam mal-banda 'San Gejtanu' mill-1943 sal-1972 u Mro. A. Coleiro dam mill-1985 sal-1990. Is-Surmast Ħamruniż, Mro. Edgar Lowell, li kien idoqq mal-banda 'La Valette' tal-belt Valletta, kif ukoll kien Aġent Surmast tagħha, fl-1957 kien inħatar surmast direttur tal-banda 'La Stella' ta' Għawdex u li tagħha dam direttur għal diversi snin. Surmast ieħor Ħamruniż li kien surmast direttur tal-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun kien Mro. Lawrence Borg. Kemm Mro. L. Borg kif ukoll ibnu Mro. Ivan Borg ġie li kkonċertaw lil-banda 'Leone' ta' Għawdex fl-assenza tas-surmast direttur tagħha.

Żewġ surmastrijiet oħra li wkoll kellhom konnessjonijiet kemm mal-Ħamrun kif ukoll ma' Għawdex, huma Mro. Mikiel Farrugia u Mro. Anton Muscat Azzopardi. Mro. Mikiel Farrugia (1898 - 1969), Għawdxi, kien surmast direttur tal-banda attwali 'Victory' tax-Xagħra, Għawdex, u dik ta' 'San Ġużepp' ta' l-Istitut ta' l-Orfni ta' Għajnsielem f'Għawdex ukoll. Huwa wkoll kien Assistent direttur kemm tal-banda 'La Stella' ta' Għawdex kif ukoll, għal xi żmien, tal-banda 'SanGejtanu' tal-Ħamrun.

Mill-banda l-oħra Mro. Anton Muscat Azzopardi, fost baned oħra, kien surmast direttur tal-banda ta' l-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun. Din il-banda Ħamruniża, bħaż-żewġ baned l-oħra Ħamruniżi, wkoll ġie li qasmet għal Għawdex biex tagħti s-sehem kulturali mużikali tagħha fil-gżira Għawdxija.

F'Għawdex, Mro. A. Muscat Azzopardi, għall-aħħar tas-snin għoxrin kellu l-inkarigu biex igħallem il-mużika lit-tfal orfni li kien hemm fl-Istitut ta' San Ġużepp li kien twaqqaf fis-sena 1925 fir-raħal ta' Għajnsielem, Għawdex minn Mons. G. De Piro. Iżda, minħabba l-impenji kbar li Mro. A. Muscat Azzopardi kellu ma setax ikompli jgħallem il-mużika lit-tfal orfni f'Għawdex, għalhekk issuġġerixxa sabiex postu jieħdu Mro. Mikiel Farrugia. Taħt Mro. M. Farrugia l-banda 'San Ġużepp' ta' l-Istitut ta' l-Orfni f'Għawdex imxiet 'l quddiem, tant li llum, għalkemm kellha waqfa qasira, saret il-banda ċivika tar-raħal ta' Għajnsielem.

Matul iż-żmien li dawn is-surmastrijiet damu diretturi ta' dawn il-baned, dawn l-għaqdiet mużikali mhux biss għamlu progress fil-qasam mużikali, imma wkoll stagħnew l-arkivji tagħhom b'għadd ta' kompożizzjonijiet mużikali komposti

minnhom. Mhux dan biss kemm-il darba l-baned Ħamruniżi qasmu għal Għawdex sabiex jagħtu s-sehem kulturali tagħhom f' xi festa titulari, waqt li l-baned Għawdxin ġie li kemm-il darba wkoll qasmu għal Malta biex huma wkoll jipparteċipaw f'diversi festi.

Fost il-festi titulari f'Għawdex li l-baned Ħamruniżi ħadu sehem insibu l-festa ta' Santa Margerita f'Sannat, il-festa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb, f'dik ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija, f'dik tal-Madonna ta' Loretu f'Għajnsielem, kif ukoll f'dik ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Fil-Belt Victoria nsibuhom jieħdu sehem fil-festa ta' San Ġorġ u f'dik ta' Santa Marija.

Żgur u mhux forsi li l-ħbiberija li rawmet matul is-snin bejn dawn il-baned hija frott prinċipalment dovut għas-surmastrijiet li jew kienu jkunu diretturi ta' diversi baned fl-istess perijodu ta' żmien, jew inkella li dawn il-baned kellhom l-istess surmast/direttur iżda fi żminijiet differenti. Barra dan, sa mill-antik, il-baned Ħamruniżi kienu jorganizzaw xi jum f'Għawdex. Infatti nafu li fl-1910 kemm il-banda 'San Gejtanu' kif ukoll il-banda 'San Ġużepp' kienu organizzaw ġiti, mal-vapur Prinċipessa Melita, għal Marsalforn, Għawdex. F'dawn il-ġiti ġie li wkoll kienet tieħu sehem il-banda bħalma ġara fil-każ tal-banda 'San Gejtanu' fl-1910.

Nagħlaq din il-kontribuzzjoni żgħira billi nsemmi żewġ surmastrijiet diretturi oħra, li għalkemm ma kienux diretturi ta' ebda banda Ħamruniża, iżda t-tnejn kienu diretturi tal-banda 'Leone' ta' Għawdex. Dawn huma Mro. Orlando Crescimanno (1861 - 1923) u Mro. Giovanni Giumarra (1861 - 1936), li għalkemm, ta' l-ewwel twieled l-Isla u l-ieħor twieled fi Sqallija, it-tnejn għal xi żmien għexu u mietu l-Ħamrun.

***Grezio A. Grech***



***Mro. Joseph Abela Scolaro***